



Brussell, 6 ta' Frar 2020
(OR. en)

5760/20
ADD 1

FIN 58
PE-L 4

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 – <i>Adozzjoni</i>

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali
tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2018

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 319 tiegħu,

Wara li wettaq l-eżami previst fl-Artikolu 319(1) TFUE,

Billi:

(1) Skont il-kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2018:

- id-dħul ammonta għal	EUR 159 318 135 354.52
- l-infiq imħallas mill-appropriazzjonijiet ammonta għal	EUR 154 832 895 234.46
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament ikkanċellati (inkluż id-dħul assenjat) riportati mis-sena <i>n-1</i> ammontaw għal	EUR 1 007 493 772.65
- l-appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena <i>n+1</i> ammontaw għal	EUR 1 671 465 567.03
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-EFTA riportati mis-sena <i>n-1</i> ammontaw għal	EUR 3 678 863.74
- il-bilanċ tad-differenzi fir-rati tal-kambju ammonta għal	-EUR 564 125.70
- il-bilanċ pożittiv tal-baġit ammonta għal	EUR 1 802 037 790.94

- (2) L-appropriazzjonijiet ta' pagament ikkanċellati għas-sena finanzjarja ammontaw għal EUR 106 470 521.31;
- (3) EUR 1 839 842 809.62 (94.53 %) mill-EUR 1 946 313 330.93 f'appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena *n* ġew użati;
- (4) L-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma ANNESI għal dan id-dokument;
- (5) Għall-Kunsill huwa importanti li l-kummenti tiegħu jiġu segwiti u jassumi li l-Kummissjoni ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha b'mod sħiħ, mingħajr dewmien;
- (6) Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapporti speċjali ppubblikati mill-Qorti fl-2018 u l-2019¹;
- (7) B'segwitu għall-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 meħuda globalment, abbażi tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Awdituri, hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' tali implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, biex jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Dok 6499/19, 6752/19, 6960/19, 6973/19, 7102/19, 7115/19, 7420/19, 7551/19, 7629/19, 7704/19, 8382/19, 9130/19, 9283/19, 9300/19, 9325/19, 10359/19, 11073/19, 12140/19, 12266/19, 12975/19, 14069/19, 14265/19, 14562/19, 14656/19, 14862/19, 15262/19 u 5164/20.

INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u l-analiżi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditu pprovduti. Huwa jagħti importanza kbira lill-ħidma tal-awditu indipendenti mwettaq mill-Qorti, kif definit fl-Artikolu 287 TFUE, u partikolarment lill-kompitu ewlieni li jipprovi Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-eżami tal-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq.
2. Sabiex jiġu żgurati l-fiduċja u l-leġittimità, huwa essenzjali li l-baġit tal-UE jagħti, b'mod effiċjenti, valur reali liċ-ċittadini tal-UE. Il-Kunsill iqis li valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-baġit tal-UE hija element ewlieni tal-evalwazzjoni annwali tal-ġestjoni finanzjarja soda tal-fondi tal-UE.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-Qorti, kif speċifikat fir-rapport annwali tiegħu, u jistieden lill-Kummissjoni biex tqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u tiffoka fuq oqsma li huma aktar suxxettibbli għal riskju. Jenħtieġ tingħata attenzjoni speċjali għal żbalji marbuta mal-akkwist pubbliku, li huma preżenti fil-kapitoli kollha tal-baġit.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn is-snin f'kull qasam ta' politika u għal darb'oħra jitlob lill-Qorti biex tipprovi rati ta' żball għall-intestaturi kollha, irrispettivament mid-daqs tal-infiq, b'kont meħud tal-importanza politika dejjem tiżdied tal-kapitoli bħal Sigurtà u Ċittadinanza u Ewropa Globali.

KAPITOLU 1

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI U INFORMAZZJONI ĠUSTIFIKATTIVA

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball rappurtat mill-Qorti għadu oġġla mill-materjalità u żdied fl-2018 (2.6 %) meta mqabbel mal-2017 (2.4 %), wara li niżel minn 3.8 % fl-2015 u 3.1 % fl-2016. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Qorti tagħti, għat-tielet sena konsekuttiva, opinjoni kwalifikata, pjuttost milli waħda negattiva, dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti u l-fatt li bejn wieħed u ieħor nofs l-infiq huwa ħieles minn żball materjali, li jikkonferma t-titjib sostnut fil-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.
2. Il-Kunsill huwa mħasseb, madankollu, dwar iż-żieda fil-livell stmat ta' żball għall-pagamenti bbażati fuq rimborżi minn 3.7 % fl-2017 għal 4.5 % fl-2018 u jinnota li din it-tip ta' nefqa, soġġetta għal regoli kumplessi, iġġorr riskju għoli ta' żball. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jirrikonoxxi l-influwenza ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri mwettqa wara l-awditu tal-Qorti bl-objettiv li l-livell ta' żball jinġieb taħt il-materjalità.
3. Il-Kunsill jenfasizza li, sabiex jinkiseb it-tnaqqis tar-rati ta' żball u tiġi żgurata ġestjoni effettiva u korretta tal-fondi tal-UE, leġislazzjoni aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli għandha tibqa' prijorità ewlenija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-bidliet fil-qafas regulatorju introdott fl-2018, maħsuba biex jissimplifikaw u jiċċaraw ir-regoli dwar il-finanzjament, u qed jistenna bil-ħerqa li jara l-impatt pożittiv tagħhom.
4. Fl-istess kuntest, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Qorti u lill-Kummissjoni biex jikkoordinaw aħjar l-approċċ tagħhom fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni. Il-Kunsill iqis li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jitkellmu b'vuċi waħda sabiex jevitaw in-nuqqas ta' ftehim għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet nazzjonali.

5. Il-Kunsill jerġa' jinnota li l-livell stmat ta' żball tal-Qorti mhuwiex miżura ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela ta' fondi fih innifsu, iżda ta' pagamenti li ma ntużawx f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli rigward l-eliġibbiltà għar-rimborż tal-infiq.
6. Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni ċara mogħtija mill-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-kontijiet") għas-sena finanzjarja 2018. Huwa jinnota d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2018, u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-fluss ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li għalqet dakinhar, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq standards ta' kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.
7. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li d-dħul sottostanti għall-kontijiet għall-2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, bħal fi snin preċedenti.
8. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-effettività ġenerali tal-awtoritajiet tal-awditjar li jidentifikaw l-iżbalji u l-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE u japprezza l-isforzi kontinwi u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Abbażi tas-sejbiet tal-Qorti, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-atturi involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE biex jikkoordinaw u jkomplu jtejbu l-ħidma tagħhom, sabiex il-Qorti tkun tista' tiddependi fuq il-ħidma ta' awditjar imwettqa minn awdituri nazzjonali u tal-Kummissjoni fid-dawl tal-iżviluppi marbuta mal-prinċipju tad-dipendenza trasversali.

KAPITOLU 2
ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-implimentazzjoni tal-baġit kważi sħiħa fl-2018 (f'impenji u pagamenti) u jilqa' l-fatt li l-baġit la kien sottobaġitjat u lanqas ma kien ibbaġitjat b'mod eċċessiv, li juri ġestjoni baġitarja b'mod ġenerali ordnata.
2. Madankollu, hemm xi elementi li l-Kunsill jinnota bi tħassib:
 - a) l-ewwel nett, iż-żieda kontinwa ta' impenji baġitarji pendenti (RAL), li toħloq ir-riskju ta' approprjazzjonijiet ta' pagament insuffiċjenti biex jiġu saldati talbiet għal pagamenti pendenti fi snin futuri;
 - b) it-tieni, l-assorbiment inqas milli antiċipat tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) fis-snin preċedenti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, prinċipalment minħabba l-adozzjoni tardiva tal-leġislazzjoni għal dan il-QFP;
 - c) it-tielet, iż-żieda fl-esponiment għar-riskju tal-baġit tal-UE għal obligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-garanziji.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li fl-2018 kien hemm aċċellerazzjoni importanti tal-implimentazzjoni tal-fondi, kif ukoll ta' żviluppi pożittivi rigward l-għażla tal-proġetti fuq il-post. Huwa jilqa' t-titjib fl-Istati Membri u l-previżjonijiet u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u jtenni t-talba tiegħu għall-kontinwazzjoni ta' dan il-proċess. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri biex ikomplu jtejbu r-rata tal-implimentazzjoni.

4. B'kunsiderazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-garanziji, il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-fond ta' proviżjonament komuni, ladarba jiġi stabbilit, biex jiġi applikat approċċ prudenti meta tiġi stabbilita r-rata ta' proviżjonament effettiva tal-fond ta' proviżjonament komuni u biex tiġi pprovduta informazzjoni aġġornata dwar l-esponiment għar-riskju. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tissorvelja bir-reqqa l-evoluzzjoni tal-obbligazzjonijiet potenzjali, fil-QFP attwali, u biex tevalwa kif għandu jiġi mitigat l-esponiment għar-riskju tal-UE.
5. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'informazzjoni rilevanti dwar il-fondi ttrasferiti mill-baġit tal-UE għal strumenti finanzjarji ġestiti mill-grupp tal-BEI, sabiex tippermetti skrutinju xieraq u żżid it-trasparenza ta' tali operazzjonijiet.

KAPITOLU 3
KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress ivvalutat mill-Qorti rigward il-prestazzjoni tal-programmi tal-UE u jilqa' l-enfasi ġenerali fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni, iżda mhux għad-detriment tal-ħidma dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-Kunsill jieħu nota tar-rappurtar imtejjeb tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Qorti biex ikomplu bl-isforzi tagħhom f'dan is-sens.
2. Il-Kunsill jappoġġa s-sejbiet tal-Qorti li l-indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ ikunu rilevanti għall-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-programmi, jipprovdu data kwantifikabbli u jkunu ambizzjużi biżżejjed. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni għandha żżid l-enfasi fuq ir-riżultati u l-impatt tal-implimentazzjoni tal-baġit. F'dak il-kuntest u filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-implimentazzjoni tal-programm spiss ma tkunx lineari, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-prestazzjoni abbażi ta' stadji importanti, li jipprovdu lill-Qorti b'informazzjoni rilevanti biex tivvaluta l-progress tal-prestazzjoni.
3. Barra minn hekk, il-Kunsill jikkondividi l-fehma tal-Qorti li l-indikaturi mhux dejjem jirriflettu sew il-progress attwali u jtenni s-sejħiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi data aġġornata dwar il-prestazzjoni u dwar il-progress li jkun sar lejn il-miri u l-oġettivi. Din id-data għandha tkun ta' kwalità għolja u tiffoka fuq il-prestazzjoni reali tal-programm, aktar milli fuq l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni jew minn korpi oħra li jimplementawhom.
4. Fir-rigward tal-fluss ta' informazzjoni f'waqtu dwar il-prestazzjoni, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li informazzjoni f'waqtha għandha tiġi pprovduta b'modi innovattivi, inkluż f'għodod ġodda ta' rappurtar fuq pjattaformi tal-internet. Dan jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-benefiċjarji finali, kif ukoll il-pubbliku ġenerali u l-istituzzjonijiet tal-UE, biex jivvalutaw is-sitwazzjoni attwali u l-benefiċċji tal-infiq tal-UE.

5. Il-Kunsill jilqa' l-Ħarsa Ġenerali lejn il-Prestazzjoni tal-Programmi (PPO) mogħtija mill-Kummissjoni għall-ewwel darba fl-2018 u jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi rapport faċli li jinqara dwar il-prestazzjoni, inkluż spjegazzjoni dwar l-għażla tal-indikaturi u l-metodu għall-kalkolu tal-progress.
-

KAPITOLU 4

DĦUL

1. Il-Kunsill jinnota li fl-2018 il-parti tad-dħul mill-baġit ma ġietx affettwata minn żball materjali, li t-transazzjonijiet sottostanti ttestjati nstab li ma kienx fihom żbalji u li s-sistemi ta' riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT eżaminati ġew ivvalutati bħala effettivi, filwaqt li l-kontrolli interni ewlenin għal riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) ġew ivvalutati bħala parzjalment effettivi. Il-Kunsill jinnota wkoll li hemm dgħufijiet fil-ġestjoni tar-RPT minn ċerti Stati Membri u fil-verifiki tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT tal-Istati Membri mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar il-persistenza ta' dewmien fis-segwitu u fl-għeluq tal-Kummissjoni kemm tar-RPT kif ukoll tal-punti miftuħa tal-VAT l-impatt finanzjarju fuq il-baġits nazzjonali.
2. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet li l-Qorti għamlet lill-Kummissjoni biex timplimenta valutazzjoni tar-riskju aktar strutturata u dokumentata għall-ippjanar ta' spezzjoni tar-RPT tagħha u biex issaħħaħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifiki ta' kull xahar u kull tliet xhur tagħha tal-kontijiet ta' RPT A u B.
3. Il-Kunsill ifakkar li data akkurata hija essenzjali għal distribuzzjoni ġusta tal-kontribuzzjonijiet bejn l-Istati Membri.

KAPITOLU 5
KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

1. Il-Kunsill jieħu nota li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti huwa ta' 2 % (livell limitu ta' materjalità), li naqas meta mqabbel mal-2017 (4.2 %), 2016 (4.1 %) u 2015 (4.4 %).
2. Il-Kunsill jinnota li t-tnaqqis tar-rata ta' żball huwa dovut prinċipalment għas-simplifikazzjoni amministrattiva introdotta għal Orizzont 2020, li għall-ewwel sena jirrappreżenta perċentwal ogħla tat-tranżazzjonijiet (59 mill-81 tranżazzjoni ta' riċerka u innovazzjoni) awditjati mill-Qorti. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi li fl-2018, is-sehem tal-infiq għall-programmi spazjali żdied fil-popolazzjoni kollha tal-awditjar u dan naqqas il-livell globali ta' riskju għas-subintestatura 1a, peress li l-programmi spazjali huma qasam ta' infiq b'riskju baxx.
3. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell ta' żball stmat speċifikament għar-riċerka għadu ferm ogħla minn 2 % u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tinkiseb rata ta' żball taħt il-livell limitu ta' materjalità.
4. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar il-fatt li, skont is-sejbiet tal-Qorti, il-livell stmat ta' żball kien ikun 0.3 punti perċentwali inqas kieku l-Kummissjoni għamlet użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli kollha biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq.
5. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tindirizza l-kawżi tal-iżball, b'enfasi partikolari fuq il-programmi li huma soġġetti għal livelli ta' żball persistentement għolja, u biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex timplimenta b'mod sħiħ il-miżuri li diġà ttieħdu f'dan ir-rigward.

Regolarità tat-transazzjonijiet, sistemi ta' ġestjoni u kontroll, affidabbiltà tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni

6. Il-Kunsill jinnota b'dispaċir li, bħal fi snin preċedenti, ir-riskju prinċipali identifikat mill-Qorti huwa relatat ma' spejjeż mhux eliġibbli ddikjarati minn benefiċjarji, li la jiġu identifikati u lanqas ikkoreġuti qabel ma jsir ir-rimborż mill-Kummissjoni.
7. Il-Kunsill jieħu nota bi tħassib tal-analiżi tal-Qorti li l-kawża ewlenija għall-parti l-kbira tal-iżbalji, li prinċipalment jaffettwaw spejjeż tal-persunal u li fil-parti l-kbira jsiru minn min jidħol ġdid u minn SMEs, hija l-miżinterpretazzjoni ta' regoli ta' eliġibbiltà kumplessi, b'mod partikolari taħt il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Kummissjoni għamlet sforzi konsiderevoli biex tnaqqas il-kumplessità amministrattiva għal Orizzont 2020, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli aktar immirati tat-talbiet għall-ispejjeż tal-parteciċipanti ġodda u l-SMEs taħt dan il-programm, biex ittejjeb l-informazzjoni u l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha biex tipprovdi lil dawk il-benefiċjarji bi gwida xierqa dwar kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u regoli ta' finanzjament, kif ukoll biex tissimplifika aktar ir-regoli għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal fil-Programmi Qafas ta' Riċerka li jmiss.
8. Il-Kunsill jinsab imħasseb dwar l-impatt żgħir fuq il-prevenzjoni tal-iżball li jirriżulta mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-verifika *ex ante* użati mill-Kummissjoni għall-ispejjeż kapitalizzati u operattivi ta' infrastrutturi tar-riċerka kbar (LRI). Filwaqt li jirrikonoxxi li l-benefiċjarji japplikaw il-metodoloġiji proprji, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti indirizzata lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-verifika *ex ante* tagħha tal-ispejjeż operattivi għal dan it-tip ta' proġett.
9. Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni aċċettat u, fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, implimentat ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti fir-rigward tal-programmi ta' riċerka, is-CEF u Erasmus+.

10. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jappella lill-Kummissjoni biex minnufih tindirizza s-sejbiet identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tagħha fis-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) għall-ġestjoni ta' għotjiet għall-Erasmus+, kif ukoll fil-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi kuntrattwali u r-rekwiżiti ta' rappurtar dwar it-tixrid u l-isfruttament ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni.
11. Il-Kunsill jilqa' s-sejbiet tal-Qorti li r-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni f'dan il-qasam ta' politika jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja b'rabta mar-regolarità ta' transazzjonijiet u jikkorroboraw is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti fil-parti l-kbira tal-aspetti.

Kwistjonijiet ta' prestazzjoni fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni

12. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti dwar il-prestazzjoni fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Huwa jinnota b'sodisfazzjoni li l-parti l-kbira tal-proġetti laħqu l-eżiti u r-risultati mistennija minnhom. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib li xi proġetti kienu affettwati minn kwistjonijiet li naqqsu l-prestazzjoni tagħhom, bħal progress mhux konformi jew parzjalment konformi mal-objettivi, spejjeż irrappurtati mhux raġonevoli fir-rigward tal-progress miksub u xi dgħufijiet fid-disseminazzjoni.

KAPITOLU 6
KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għall-pagamenti fil-qasam ta' politika "Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali" għadu oġhla mill-materjalità u żdied fl-2018 (5 %) meta mqabbel mal-2017 (3 %), wara li niżel f'sentejn konsekuttivi (5.2 % fl-2015 u 4.8 % fl-2016).
2. Il-Kunsill iqis li d-differenzi fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni bejn il-Qorti u l-Kummissjoni jista' jkollhom impatt fuq il-livell ta' żball u huma indikattivi tal-kumplessità tal-qafas legali fis-seħħ. Filwaqt li l-Kunsill qed jistenna bil-ħerqa li jara r-riżultati fis-snin li ġejjin mill-bidliet introdotti fir-Regolament 2018/1046² (ir-Regolament Omnibus), maħsuba biex jissimplifikaw, jiffaċilitaw u jiċċaraw il-kondizzjonijiet tar-regolarità, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi biex jissimplifikaw il-leġislazzjoni u l-amministrazzjoni tal-fondi tal-UE. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li, għall-ewwel darba fl-2018, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw irregolaritajiet taħt tipoloġija komuni maqbula mal-Kummissjoni u kondiviża bejn l-Istati Membri u jistieden lill-Qorti biex tindika possibbiltajiet oħra għas-simplifikazzjoni, lil hinn mill-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati, kull meta tiġi skoperta ħtieġa ta' simplifikazzjoni matul il-ħidma ta' awditjar.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jitjiebu sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' għom u jinkoraġġihom biex ikomplu dawn l-isforzi. Madankollu, il-Kunsill jinnota b'dispijaċir li għad hemm dgħufijiet persistenti bir-regolarità tal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni. Il-Kunsill jilqa' l-linji gwida adottati mill-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà tal-VAT u l-kjarifiki pprovduti f'dan ir-rigward lill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli tipprovdi taħriġ u gwida xierqa u konsistenti, flimkien ma' skambju ta' prattiki tajba biex tassisti lill-benefiċjarji u lill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-programmi.
4. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi mill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-rapporti ta' attività annwali ta' għom u l-fatt li aġġornat l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI) ta' għom dwar ir-regolarità.

Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti

5. Il-Kunsill jilqa' s-sejba tal-Qorti li l-Istati Membri kollha eżaminati fl-2018 kienu waqqfu sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-indikaturi tar-risultati mhux dejjem jiffurmaw parti integrali mit-tfassil tas-sistemi ta' prestazzjoni fil-livell tal-proġetti, li jrendi diffiċli l-valutazzjoni tal-kontribut ġenerali ta' proġett għall-oġettivi speċifiċi ta' programm operazzjonali.

KAPITOLU 7

RIŻORSI NATURALI

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għadu oġhla mill-materjalità fl-istess livell tas-sena l-oħra (2.4 %) wara li niżel minn 2.9 % fl-2015 u 2.5 % fl-2016.
2. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-miżuri korrettivi applikati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri naqqsu l-livell stmat ta' żball b'0.6 punti perċentwali. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tas-sejbiet tal-Qorti li l-livell stmat ta' żball kien ikun 0.6 punti perċentwali inqas u taħt il-livell limitu ta' materjalità addizzjonali kieku l-awtoritajiet nazzjonali għamlu użu aħjar mill-informazzjoni kollha disponibbli biex jipprevjenu jew jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma ddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji.
3. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Qorti biex tistabbilixxi livelli stmati ta' żball għall-Pilastru 1 u l-Pilastru 2 tal-intestatura 2 (*Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali*) abbażi ta' kampjun ikbar, bħal fis-snin preċedenti. Billi dan il-qasam ta' politika huwa l-ikbar f'termini ta' baġit u jkopri tipi differenti ta' nfiq, il-kalkolu taż-żewġ livelli ta' żball huwa meqjus kompletament ġustifikat.

FAEG - Appoġġ dirett

4. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjoni l-fatt li l-infiq marbut ma' appoġġ dirett, li jirrappreżenta 72 % tal-infiq kollu taħt l-intestatura 2, ma kienx affettwat mill-iżball materjali fl-2018. Il-Kunsill jiddispjaċih li, bħal fl-2017, l-unika indikazzjoni mogħtija mill-Qorti dwar ir-rata ta' żball fl-2018 għall-infiq marbut ma' appoġġ dirett hija li l-livell stmat ta' żball huwa inqas minn 2 %. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-Kunsill biex jivvaluta l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni meta mqabbla ma' snin preċedenti.

5. Il-Kunsill jinnota li l-Qorti u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-irqajja' tal-Art (LPIS) tagħti kontribut sinifikanti fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball. Huwa jinnota wkoll li l-introduzzjoni tal-applikazzjoni ta' għajnuna ġeospazjali fis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll għenet ukoll biex jitnaqqas il-livell ta' żball fil-pagamenti diretti.

Miżuri tas-suq, żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd

6. Madankollu, il-Kunsill jiddispijaċih li l-livell ta' żball għall-pagamenti taħt dawn l-oqsma ta' nfiq għadu oġġla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Il-Kunsill jinnota li s-sehem ta' dan il-qasam ta' politika suxxettibbli għal żball fid-daqs tal-kampjun għal intestatura sħiħa huwa akbar mis-sena li għaddiet, filwaqt li l-livell stmat ta' żball għall-intestatura 2 ma żdiedx. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tnaqqis tar-rata ta' żball għal pagamenti lil benefiċjarji taħt it-2 % għall-iżvilupp rurali jrid ikun ibbilanċjat mal-ispejjeż u l-piżijiet li jirriżultaw, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward.

Prestazzjoni

7. Il-Kunsill jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti dwar id-dgħufijiet fil-mod kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri applikaw l-indikaturi tar-riżultat tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni biex ikejlu u jirrappurtaw il-prestazzjoni tal-infiq għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tindirizza d-dgħufijiet fil-kejl tal-prestazzjoni u r-rappurtar.
8. Il-Kunsill jinnota s-sejbiet tal-Qorti dwar l-użu baxx ta' opzjonijiet ta' nfiq simplifikat (SCOs) fil-finanzjament ta' proġetti ta' żvilupp rurali. Huwa jfakkar li, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2018, il-Kunsill issottolinja l-ħtieġa għal regoli ċari li jippermettu lill-Istati Membri biex jivverifikaw u jevalwaw SCOs kif ukoll jiċċaraw u jiddefinixxu b'mod adatt ir-rwoli tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward.

KAPITOLU 8

SIGURTÀ U ĊITTADINANZA

1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Qorti ppreżentat, għat-tielet sena konsekuttiva, is-sejbiet tagħha rigward il-qasam ta' politika "Sigurtà u Ċittadinanza" f'kapitolu separat fir-rapport annwali tagħha. Madankollu, il-Kunsill jiddispaċih li l-eżami tal-Qorti ma kienx imfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP u li, konsegwentement, il-Qorti ma kkalkulatx rata ta' żball inġenerali.
2. Filwaqt li jirrikonoxxi li, minkejja l-ambjent politiku kumpless, l-Istati Membri żiedu b'mod sinifikanti r-rata ta' implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI), il-Kunsill jesprimi tħassib dwar il-valur li qed jiżdied ta' ammonti li ma ntefqux taħt dawn il-programmi. Fid-dawl tal-importanza kontinwa ta' dan il-qasam ta' politika u l-baġit disponibbli li qed jikber, il-Kunsill ihegġegħ lill-Qorti biex tkabbar l-ambitu tal-awditjar tagħha għal kampjun rappreżentattiv, sabiex tipprovdi rata ta' żball u valutazzjoni tal-prestazzjoni fis-snin li ġejjin.
3. Il-Kunsill jinnota li l-Qorti sabet li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Kummissjoni għall-AMIF u l-ISF, kif ukoll għall-programm dwar l-Ikel u l-Għalf, huma ġeneralment suffiċjenti u effettivi. Madankollu, il-Kunsill huwa mħasseb li l-Qorti identifikat xi dgħufijiet fis-sistemi relatati mad-dewmien fl-implimentazzjoni, ir-raġonevolezza tal-azzjonijiet jew tal-ispejjeż, il-kontrolli relatati mal-akkwist u d-dewmien fl-aġġornament tal-ispejjeż unitarji u l-limiti massimi.
4. Il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-eżami xieraq tad-dokumentazzjoni li hija teħtieġ mill-benefiċjarji sabiex jiġu kkontrollati sew il-proċeduri tal-akkwist, kif ukoll biex tipprovdi struzzjonijiet ċari f'dan ir-rigward lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-programmi nazzjonali tal-AMIF u tal-FSI.

KAPITOLU 9
EWROPA GLOBALI

1. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni kontinwa tal-aspetti tal-prestazzjoni fir-rigward tal-kapitolu dwar l-Ewropa Globali u japprezza l-kuxjenza tal-Qorti fir-rigward tal-ispejjeż tal-attivitajiet tal-awditjar tagħha. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih li l-Qorti għal darb'oħra għażlet li ma tistabilixxix livell stmat ta' żball għal dan il-kapitolu u tappella lill-Qorti biex tipprovdli livell stmat ta' żball bħal dan fis-snin li ġejjin bil-ħsieb li tippermetti paragun ta' sena b'sena tar-riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE.
2. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħdu passi għal kooperazzjoni effettiva ta' organizzazzjonijiet internazzjonali mal-Qorti matul il-proċedura tal-awditjar. Huwa jinnota l-azzjonijiet li l-Kummissjoni biħsiebha tiegħu sabiex tistabilixxi kuntatti immedjati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bil-ħsieb li tiżgura informazzjoni sħiħa tal-Qorti biex twettaq il-kompiti tal-awditjar tagħha.
3. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti tal-istudju tar-rata ta' żball residwu tad-DĠ NEAR u jappoġġa bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tiġi limitata d-dipendenza sħiħa f'dak l-istudju fuq xogħol ta' kontroll preċedenti. Iż-żieda konsiderevoli ta' tranżazzjonijiet fejn id-dipendenza sħiħa tpoġġiet fuq ix-xogħol tal-awditjar ta' oħrajn jista' jkollha impatt fuq il-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu f'kapitolu, fejn hemm biss rieżami limitat tat-tranżazzjonijiet mill-Qorti. Il-Kunsill, għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-Qorti.
4. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jinsab imħasseb dwar id-dikjarazzjoni eċċessiva tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ ECHO u l-okkorrenza ta' żbalji mhux skoperti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti f'dak ir-rigward.

KAPITOLU 10
AMMINISTRAZZJONI

1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-infiq amministrattiv u relatat tal-istituzzjonijiet tal-UE baqa', bħal fi snin preċedenti, ħieles minn żball materjali. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-ebda livell materjali ta' żball ma ġie identifikat mill-Qorti fir-rapporti annwali tal-attività eżaminati.
2. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-ġhadd ta' dgħufijiet fil-kontrolli interni fil-ġestjoni tal-benefiċċji tal-familja għall-membri tal-persunal żdied meta mqabbel mas-snin preċedenti. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri tagħha għall-ġestjoni tal-ispejjeż tal-persunal u l-benefiċċji statutorji tal-familja.
3. Il-Kunsill jiddispjaċih għall-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar id-dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist tal-Parlament Ewropew relatati mat-titjib tas-sigurtà tan-nies u tal-bini. F'dan il-kuntest, it-tfassil tal-kuntratt qafas tal-Parlament Ewropew ippermetta lill-Parlament Ewropew biex jordna xogħlijiet li mhumiex inklużi fl-iskeda oriġinali tal-prezzijiet fuq il-bażi ta' kwotazzjoni waħda li mbagħad setgħet tisser li x-xogħlijiet ma ġewx akkwistati bl-irħas prezz. Sfortunatament, l-istess tip ta' sejbiet ġew irrappurtati mill-Qorti fl-2017.
4. Il-Kunsill jiddispjaċih ukoll dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li fi tnejn mill-ħames każijiet awditjati relatati mal-proċeduri ta' akkwist sabiex tittejjeb is-sigurtà tan-nies u tal-bini fil-Kummissjoni, il-Kummissjoni użat il-proċedura nnegożjata għalkemm il-kriterji tar-Regolament Finanzjarju għall-użu tagħha ma kinux sodisfatti. Barra minn hekk, fi tliet proċeduri eżaminati mill-Qorti, kien hemm nuqqasijiet relatati mal-proċess ta' evalwazzjoni, jiġifieri li r-rekwiżiti minimi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta ma ġewx issodisfati u ma kienx hemm kontrolli xierqa għall-konformità mal-kriterji ta' esklużjoni u tal-ġhażla. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri ta' akkwist tagħha biex jiġu evitati nuqqasijiet simili fil-futur.
5. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2018³.

³ Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2018 flimkien mat-tweġibiet tal-Iskejjel (<https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=52580>).